Euro-Latin American Parliamentary Assembly
Assemblée Parlementaire Euro-Latino Américaine
Asamblea Parlamentaria Euro-Latinoamericana
Assembleia Parlamentar Euro-Latino-Americana

ASSEMBLEA PARLAMENTARI EWRO-LATIN-AMERIKANA

*Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem*

**AP 100.647v01-00**

10.3.2010

# EMENDI
# 1 - 144

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Ramón Jáuregui Atondo (S&D) u Renate Weber (ALDE), Korapporteurs tal-PE**
**Vilma Reyes (Parlament tal-Amerika Ċentrali), Korapporteur tal-Amerika Latina u l-Karibew (LAK)**
(AP100.540v02-00)

Is-Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina fid-dawl tas-VI Samit ta' Madrid ta' Mejju 2010

**Emenda 1**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw parti mis-Sħubija Strateġika; ***tilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni*** Ewropea ***tal-Komunikazzjoni tagħha*** tat-30 ta' Settembru 2009 ***li fiha tidentifika, tevalwa u toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward Sħubija UE-LAK tal-atturi globali***, | 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw parti mis-Sħubija Strateġika; ***tqis li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni*** Ewropea, tat-30 ta' Settembru 2009 ***għas-Samit ta' Madrid, għandha tkun orjentata mill-ġdid u titlesta bis-suġġett l-iktar urġenti, jiġifieri t-tfittxija konġunta – u iktar lil hinn minn interessi politiċi u ekonomiċi partikolari – ta' strutturi sostenibbli, innovattivi u parteċipattivi, kapaċi li jegħlbu l-kriżi qawwija tal-enerġija u tal-ikel ikkawżata mit-tisħin dinji u minn politiki ekonomiċi u finanzjarji irresponsabbli, li jaffettwa miljuni ta' persuni, bl-għan aħħari li tiġi żgurata ħajja deċenti lil kulħadd***, |

Or. es

**Emenda 2**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw | 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw |

| | |
|---|---|
| parti mis-Sħubija Strateġika; ***tilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni*** mill-Kummissjoni Ewropea tal-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Settembru 2009 li fiha tidentifika, tevalwa u toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward Sħubija UE-LAK tal-atturi globali, | parti mis-Sħubija Strateġika; ***tinnota l-preżentazzjoni*** mill-Kummissjoni Ewropea tal-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Settembru 2009 li fiha tidentifika, tevalwa u toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward Sħubija UE-LAK tal-atturi globali***; tħoss in-nuqqas ta' miżuri bireġjonali konkreti biex jittaffew l-effetti tal-kriżi dinjija fuq il-livell tal-finanzi, tal-ikel u tas-sigurtà***, |

Or. es

**Emenda 3**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw parti mis-Sħubija Strateġika; ***tilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni*** Ewropea ***tal-Komunikazzjoni tagħha*** tat-30 ta' Settembru 2009 ***li fiha tidentifika, tevalwa u toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward Sħubija UE-LAK tal-atturi globali***, | 1. Timpenja ruħha, bħala l-awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, li tikkontribwixxi biex is-Samit li jmiss ta' Madrid ikun suċċess tanġibbli u verifikabbli għall-persuni u ċ-ċittadini tad-diversi pajjiżi li jiffurmaw parti mis-Sħubija Strateġika; ***tilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni*** Ewropea tat-30 ta' Settembru 2009, |

Or. es

**Emenda 4**
**Mauricio Parodi, Parlandino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ ***lid-diversi proċessi*** ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom u b'mod partikolari ***l-UNASUR***, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, | 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ ***lill-proċessi*** ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom u b'mod partikolari ***lill-proċessi tal-Komunità tal-Andes u lill-MERCOSUR bħala pilastri fundamentali għal konverġenza iktar dinamika tal-UNASUR***, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, |

Or. es

**Emenda 5**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom ***u b'mod partikolari l-UNASUR***, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li ***għaldaqstant*** *iż-żamma* ta' approċċ bireġjonali ***fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza*** tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, | 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li ***għall-istess raġuni ż-żamma*** ta' approċċ bireġjonali ***fil-qafas*** tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, |

Or. es

**Emenda 6**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom ***u b'mod partikolari l-UNASUR***, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, | 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, |

Or. es

**Emenda 7**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom u b'mod partikolari l-UNASUR, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, | 2. Ittenni l-konvinzjoni tagħha li l-appoġġ lid-diversi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina, fil-forom varjati u asimetriċi tagħhom u b'mod partikolari ***l-CLAN u*** l-UNASUR, għandu jkompli jkun prinċipju bażiku għas-Sħubija Strateġika, u li għaldaqstant iż-żamma ta' approċċ bireġjonali fir-relazzjonijiet li jiżgura l-preminenza tas-Sħubija Strateġika hija l-aħjar mod biex il-valuri u l-interessi tal-imsieħba jiġu protetti u jissaħħaħ il-multilateraliżmu, |

Or. es

**Emenda 8**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Tenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti linji gwida ċari dwar l-aħjar mod għal kollaborazzjoni mill-qrib u konġunta għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu effikaċi u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet taż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll li jiġu affrontati, fil-qafas tal-Liġi Internazzjonali, it-theddidiet komuni għall-paċi u s-sigurtà, inklużi t-traffikar tad-drogi illegali u tal-armi, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, bħalma ġie deċiż f'Lima,*** |

Or. es

**Emenda 9**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Tenfasizza, fuq il-bażi tal-esperiment ta' suċċess tal-Ewropa, li t-titjib tal-koeżjoni soċjali, flimkien mal-appoġġ lill-interkonnettività u lill-iżvilupp tal-infrastruttura fl-Amerika Latina huma daqstant ieħor prijoritajiet għas-Sħubija Strateġika,*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 10**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Tenfasizza, fuq il-bażi tal-esperiment ***ta' suċċess*** tal-Ewropa, li t-titjib tal-koeżjoni soċjali, flimkien mal-appoġġ lill-interkonnettività u lill-iżvilupp tal-infrastruttura fl-Amerika Latina huma daqstant ieħor prijoritajiet għas-Sħubija Strateġika, | 3. Tenfasizza, fuq il-bażi tal-esperiment tal-Ewropa, li t-titjib tal-koeżjoni soċjali, flimkien mal-appoġġ lill-interkonnettività u lill-iżvilupp tal-infrastruttura fl-Amerika Latina***, bl-għan li prinċipalment jitjieb it-trasport pubbliku urban, interurban u reġjonali billi tingħata prijorità lill-mezzi ta' trasport li jniġġsu inqas, bħall-ferroviji u t-tramms, mingħajr ma tintesa l-ħtieġa li titjieb il-mobilità mhux motorizzata tal-persuni pedonali u ċ-ċiklisti,*** huma daqstant ieħor prijoritajiet għas-Sħubija Strateġika, |

Or. es

**Emenda 11**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tirrakkomanda għaldaqstant li wieħed għandu kemm jista' jkun jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fis-seħħ (maċ-Ċilì u l-Messiku), mid-diversi Ftehimiet bilaterali ta' Koperazzjoni li għaddejjin, mis-Sħubijiet Strateġiċi l-ġodda (mal-Brażil u l-Messiku) u mid-djalogu politiku ta' livell għoli ppjanat mal-Arġentina, mingħajr ma wieħed jitlef il-perspettiva strateġika ġenerali msemmija hawn fuq, | 5. Tirrakkomanda għaldaqstant li wieħed għandu kemm jista' jkun jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fis-seħħ (maċ-Ċilì u l-Messiku), mid-diversi Ftehimiet bilaterali ta' Koperazzjoni li għaddejjin, mis-Sħubijiet Strateġiċi l-ġodda (mal-Brażil u l-Messiku) u mid-djalogu politiku ta' livell għoli ppjanat mal-Arġentina, mingħajr ma wieħed jitlef il-perspettiva strateġika ġenerali msemmija hawn fuq, ***filwaqt li l-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali dejjem jingħataw prijorità,*** |

Or. es

**Emenda 12**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tirrakkomanda għaldaqstant li wieħed għandu kemm jista' jkun jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fis-seħħ (maċ-Ċilì u l-Messiku), mid-diversi Ftehimiet bilaterali ta' Koperazzjoni li għaddejjin, mis-Sħubijiet Strateġiċi l-ġodda (mal-Brażil u l-Messiku) u mid-djalogu politiku ta' livell għoli ppjanat mal-Arġentina, mingħajr ma wieħed jitlef ***il-perspettiva strateġika ġenerali msemmija hawn fuq***, | 5. Tirrakkomanda għaldaqstant li wieħed għandu kemm jista' jkun jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fis-seħħ (maċ-Ċilì u l-Messiku), mid-diversi Ftehimiet bilaterali ta' Koperazzjoni li għaddejjin, mis-Sħubijiet Strateġiċi l-ġodda (mal-Brażil u l-Messiku) u mid-djalogu politiku ta' livell għoli ppjanat mal-Arġentina, mingħajr ma wieħed jitlef ***il-perspettivi strateġiċi globali u reġjonali***, |

Or. es

**Emenda 13**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Tirrakkomanda lill-awtoritajiet rilevanti li fit-test tal-Ftehima ta' Sħubija tibqa' inkluża l-Awtorità mwaqqfa mill-Parlamenti Reġjonali tal-partijiet firmatarji, li għandha tagħti segwitu għall-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Amerika Ċentrali u l-Unjoni Ewropea, bħala l-kelliema politika naturali tal-popli tar-reġjuni rispettivi tagħhom u biex tagħmel kontributi biex isir progress f'dan il-proċess,*** |

Or. es

**Emenda 14**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Tenfasizza li r-relazzjoni mal-Amerika Latina għandha tissaħħaħ b'approċċ għal perjodu twil, li jmur lil hinn mill-iżvilupp tas-samits biennali,*** |

Or. es

**Emenda 15**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Timpenja ruħha biex tippromwovi "s-sħubija strateġika" mal-Amerika Latina u mal-Karibew li għandha tingħata impetu doppju permezz tas-samits li jmiss, is-VI Samit UE-LAK u s-samits paralleli sottoreġjonali tal-UE u l-Amerika Ċentrali, l-UE u l-Mercosur, l-UE u l-Cariforum u l-UE u ċ-Ċili, li għandhom iservu biex isaħħu r-relazzjoni bireġjonali biex l-isfidi tal-aġenda globali jiġu trattati flimkien,*** |

Or. es

**Emenda 16**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Tixtieq tikkonkludi n-negozjati tal-Ftehima ta' Sħubija tal-UE mas-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali, kif ukoll il-ftehima Kummerċjali tad-Diversi Partijiet Interessati mad-diversi pajjiżi tal-Komunità tal-Andes u li terġa' tagħti spinta lill-progress fin-negozjati għal Ftehima ta' Sħubija UE-Mercosur; barra minn hekk, fis-samit UE-LAK li għandu jsir fil-qafas tal-Presidenza Spanjola, għandu jiġi approvat Pjan ta' Azzjoni li jistabbilixxi l-objettivi fundamentali tal-koperazzjoni bireġjonali; għandha titwaqqaf Faċilità Finanzjarja ġdida għall-Amerika Latina u l-Karibew u għandu jiġi adottat Programm ta' Ħidma li jistabbilixxi l-prijoritajiet tad-djalogu politiku,*** |

Or. es

**Emenda 17**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Tinnota, madankollu, skont l-esperjenza tagħha stess fl-integrazzjoni Ewropea, li biex jissaħħu s-sħubija strateġika bireġjonali u l-objettivi politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħha, is-soċjetà ċivili organizzata għandha tiġi involuta fl-istadji kollha tal-proċess b'mod ħafna iktar deċiżiv, organizzat u effikaċi; f'dan ir-rigward timpenja ruħha biex iżżid l-isforzi għall-integrazzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fid-diversi awtoritajiet imwaqqfa, kemm fl-ambitu parlamentari kif ukoll f'dak eżekuttiv, li fl-Unjoni Ewropea huma rrappreżentati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u li fl-Amerika Latina għandhom ikunu rrappreżentati bl-istess mod u proporzjon,*** |

Or. es

**Emenda 18**
**Norbert Glante, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Titolu, Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| Djalogu strateġiku u politiku kkoordinat aħjar u iktar tanġibbli u intensiv skont is-Sħubija | Djalogu strateġiku u politiku kkoordinat aħjar u iktar tanġibbli u intensiv skont is-Sħubija ***bl-għan li jkun ta' benefiċċju reċiproku għall-imsieħba*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Tifraħ bit-twaqqif tal-Kunsill Sud-Amerikan tad-Difiża, fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' integrazzjoni, djalogu u koperazzjoni fil-qasam tad-difiża tat-12-il Stat li jiffurmaw il-UNASUR, konvinta li dan jista' jgħin biex iwaqqaf il-konflitti potenzjali fir-reġjun, jikkoordina l-parteċipazzjoni fil-missjonijiet umanitarji u jwitti t-triq lejn politika ta' difiża u ta' sigurtà konġunta,*** |

Or. es

**Emenda 20**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 6 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Tifraħ bil-ftehima ffirmata f'Mejju 2009 bejn l-Unità ta' Koperazzjoni Ġudizzjarja Ewropea, il-Eurojust, u l-ekwivalenti Latin-Amerikana tagħha, IberRed, bl-għan li f'dan il-qasam tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ kontinenti u ssir realtà lingwa ġudizzjarja komuni li – permezz ta' skambju permanenti ta' informazzjoni – tipprovdi tweġiba effikaċi għall-kwistjonijiet partikolarment delikati, bħal – fost l-oħrajn – it-traffikar tad-drogi jew tal-bnedmin,*** |

Or. es

**Emenda 21**
**Rosario Green Macias, Kumitat Parlamentari Konġunt (JPC) UE-Messiku**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt a)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| a) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fil-qasam politiku, makroekonomiku u finanzjarju fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u tal-G-20* u dwar fora rilevanti oħra għal dawn l-oqsma, b'tali mod li ż-żewġ reġjuni jkollhom rwol importanti skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom ta' iktar minn 1,100 miljun abitant u r-rappreżentanza tagħhom fin-Nazzjonijiet Uniti u fil-G-20, fejn jikkostitwixxu żewġ terzi mill-membri | a) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fil-qasam politiku, makroekonomiku u finanzjarju fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u tal-G-20* u dwar fora rilevanti oħra għal dawn l-oqsma, ***fosthom il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Bank Dinji,*** b'tali mod li ż-żewġ reġjuni jkollhom rwol importanti skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom ta' iktar minn 1,100 miljun abitant u r-rappreżentanza tagħhom fin-Nazzjonijiet Uniti u fil-G-20, fejn |

| | |
|---|---|
| tagħhom, | jikkostitwixxu żewġ terzi mill-membri tagħhom, |

Or. es

**Emenda 22**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt a)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| a) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fil-qasam politiku, makroekonomiku u finanzjarju fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (NU)* ***u tal-G-20*** u dwar fora rilevanti oħra għal dawn l-oqsma, b'tali mod li ż-żewġ reġjuni jkollhom rwol importanti skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom ta' iktar minn 1,100 miljun abitant u r-rappreżentanza tagħhom fin-Nazzjonijiet Uniti ***u fil-G-20***, fejn jikkostitwixxu żewġ terzi mill-membri tagħhom, | a) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fil-qasam politiku, makroekonomiku u finanzjarju fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (NU)* u dwar fora rilevanti oħra għal dawn l-oqsma, b'tali mod li ż-żewġ reġjuni jkollhom rwol importanti skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom ta' iktar minn 1,100 miljun abitant u r-rappreżentanza tagħhom fin-Nazzjonijiet Uniti, fejn jikkostitwixxu żewġ terzi mill-membri tagħhom, |

Or. es

**Emenda 23**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt b)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU ***u tal-ftehima*** dwar it-tibdil fil-klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, | b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* ***biex naħdmu flimkien biex issir il-bidla neċessarja tal-ekonomiji tagħna li jniġġsu l-ambjent f'ekonomiji effikaċi mill-perspettiva ekoloġika, ekonomiji li jippromwovu l-impjiegi ekoloġiċi bħala sors ta' tkabbir u li jkollhom l-ambjent fil-qalba tal-mudell produttiv li jitfaċċa wara*** |

***l-kriżi,*** b'mod partikolari fil-qafas tan-NU ***biex titnieda mill-ġdid il-ftehima*** dwar it-tibdil fil-klima ***wara l-laqgħa*** ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008,

Or. es

**Emenda 24**
**Willy Meyer, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt b)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU ***u tal-ftehima dwar it-tibdil fil-klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009***, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, | b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, |

Or. es

**Emenda 25**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt b)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU u ***tal-ftehima*** dwar ***it-tibdil fil-klima*** | b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU u ***tal-Konferenzi*** dwar ***it-Tibdil fil-*** |

| | |
|---|---|
| ***ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009***, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ***ministerjali*** tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, | ***Klima***, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, |

Or. es

**Emenda 26**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt b)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU ***u tal-ftehima*** dwar it-tibdil fil-klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ***ħaġa li titlob*** it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, | b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU***; jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' ftehim*** dwar it-tibdil fil-klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ***filwaqt li tittama li fis-Samit tal-Messiku tal-2010 jinkisbu riżultati iktar tanġibbli; bl-istess mod tintalab*** it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, |

Or. es

**Emenda 27**
**Rosario Green Macias, JPC UE-Messiku**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt b)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU u ***tal-ftehima*** dwar it-tibdil fil-klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ħaġa li | b) *il-qbil dwar il-pożizzjonijiet fid-diversi fora ta'* djalogu *dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima,* b'mod partikolari fil-qafas tan-NU***, bl-għan li tissaħħaħ*** u ***tiġi kkonsolidata l-ftehima*** dwar it-tibdil fil- |

| | |
|---|---|
| titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, | klima ta' Kopenħagen f'Diċembru 2009, ħaġa li titlob it-tkomplija tal-laqgħat ministerjali tal-Ministri tal-Ambjent taż-żewġ reġjuni wara l-ewwel waħda li saret fi Brussell f'Marzu 2008, |

Or. es

**Emenda 28**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt c)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| c) *it-tisħiħ tad-djalogu* ***dwar il-migrazzjoni*** *fiż-żona Ewro-Latin-Amerikana,* bejn il-pajjiżi ***Ewropej*** li jilqgħu l-immigranti u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, biex b'hekk jitkompla d-djalogu strutturat li ġie deċiż fis-Samit li għadda ta' Lima u li ġie implimentat b'effett fil-laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2009, | c) *it-tisħiħ tad-djalogu* ***u l-politiki li jaqblu mal-Ftehima dwar il-Ħaddiema Migranti u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li tipproteġi d-drittijiet tal-migranti*** *fiż-żona Ewro-Latin-Amerikana,* bejn il-pajjiżi li jilqgħu l-immigranti u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, biex b'hekk jitkompla d-djalogu strutturat li ġie deċiż fis-Samit li għadda ta' Lima u li ġie implimentat b'effett fil-laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2009, |

Or. es

**Emenda 29**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt da) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da) ir-riforma tal-istituzzjonijiet multilaterali, b'mod partikolari, il-Kunsill ta' Sigurtà tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali,*** |

Or. es

**Emenda 30**
**Norbert Glante, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt da) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da) it-tisħiħ tad-djalogu dwar strateġija sostenibbli dwar il-materja prima bl-għan li tiġi żgurata sigurtà tal-provvista għal perjodu twil,*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt da) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da) it-tisħiħ ta' djalogu leali u mill-qrib bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Istati Membri tagħhom, favur kollaborazzjoni impenjata fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet terroristiċi, bl-akbar rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini,*** |

Or. es

**Emenda 32**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7, punt db) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***db) it-tisħiħ tal-appoġġ u l-kollaborazzjoni lill-Istati għall-ġlieda kontra l-mafji u l-organizzazzjonijiet kriminali li jgħixu fuq it-traffikar illegali tad-drogi; il-komunità internazzjonali għandha tirrifletti dwar problema ta' natura dinjija li titlob tweġibiet dinjin, inklużi b'mod partikolari l-pajjiżi ta' konsum,*** |

Or. es

**Emenda 33**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Tirrakkomanda wkoll it-tisħiħ tad-djalogu politiku bireġjonali dwar is-suġġetti li ġejjin: | 8. Tirrakkomanda wkoll it-tisħiħ tad-djalogu politiku bireġjonali***, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-Assemblea Parlamentari Ewro-Latin-Amerikana u l-parlamenti tal-integrazzjoni reġjonali,*** dwar is-suġġetti li ġejjin: |

Or. es

**Emenda 34**
**Rosario Green Macias, JPC UE-Messiku**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt c)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| c) *l-inkorporazzjoni fid-djalogu politiku fil-livell ministerjali* ta' laqgħat regolari mal-Unjoni tan-Nazzjonijiet Sud-Amerikani *(UNASUR),* mal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani *(OAS)* u *mas-Samits Latin-* | c) *l-inkorporazzjoni fid-djalogu politiku fil-livell ministerjali* ta' laqgħat regolari mal-Unjoni tan-Nazzjonijiet Sud-Amerikani *(UNASUR),* ***mas-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali (SICA),*** mal- |

| | |
|---|---|
| *Amerikani,* | Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani *(OAS)* u *mas-Samits Latin-Amerikani,* |

Or. es

**Emenda 35**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt d)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja u l-UE-LAK-Afrika b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' spazju Ewro-Atlantiku magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma blokk ġdid tal-Punent kapaċi li jkollu influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw,*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 36**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt d)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja u l-UE-LAK-Afrika* b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh***, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' spazju Ewro-*** | d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja u l-UE-LAK-Afrika* b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh ***billi huwa*** kapaċi li jkollu influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l- |

| | |
|---|---|
| ***Atlantiku magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma blokk ġdid tal-Punent*** kapaċi li jkollu influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, | isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, |

Or. es

**Emenda 37**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt d)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja* ***u*** *l-UE-LAK-Afrika* b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' *spazju Ewro-Atlantiku* magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma blokk ġdid tal-Punent kapaċi li jkollu influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, | d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja****,*** *l-UE-LAK-Afrika* ***u l-UE-LAK-Dinja Għarbija*** b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' *spazju Ewro-Atlantiku* magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma blokk ġdid tal-Punent kapaċi li jkollu influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, |

Or. es

**Emenda 38**
**Rosario Green Macias, JPC UE-Messiku**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt d)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja u l-UE-* | d) il-ftuħ tad-djalogu politiku bireġjonali għal *approċċi trijangulari ġodda tal-UE-LAK-Stati Uniti, l-UE-LAK-Ażja u l-UE-* |

| | |
|---|---|
| *LAK-Afrika* b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' *spazju Ewro-Atlantiku* magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma ***blokk ġdid tal-Punent*** kapaċi li ***jkollu*** influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, | *LAK-Afrika* b'rabta ma' dawk is-suġġetti, l-oqsma u l-interessi komuni kollha li jiġġustifikawh, u b'mod partikolari l-progress fit-twaqqif ta' *spazju Ewro-Atlantiku* magħmul mill-Istati Uniti, l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea, li jifforma ***konglomerazzjoni bireġjonali ġdida*** kapaċi li ***jkollha*** influwenza ikbar fuq l-aġenda globali u l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw, |

Or. es

**Emenda 39**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt e)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***e) it-tkabbir tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri tad-Difiża jew ir-rappreżentanti tagħhom, b'tali mod li l-kwistjonijiet relatati mal-paċi u s-sigurtà jiġu eżaminati mill-imsieħba b'mod regolari u bl-ogħla livell,*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 40**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punti e)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***e) it-tkabbir tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri tad-Difiża jew ir-rappreżentanti tagħhom, b'tali mod li l-kwistjonijiet relatati mal-*** | ***imħassar*** |

***paċi u s-sigurtà jiġu eżaminati mill-imsieħba b'mod regolari u bl-ogħla livell,***

Or. es

**Emenda 41**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt e)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| e) it-tkabbir *tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali* sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri ***tad-Difiża*** jew ir-rappreżentanti tagħhom, ***b'tali mod li l-kwistjonijiet relatati mal-paċi u s-sigurtà jiġu eżaminati mill-imsieħba b'mod regolari u bl-ogħla livell,*** | e) it-tkabbir *tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali* sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri jew ir-rappreżentanti tagħhom, |

Or. es

**Emenda 42**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt e)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| e) it-tkabbir *tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali* sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri tad-Difiża jew ir-rappreżentanti tagħhom, b'tali mod li l-kwistjonijiet relatati ***mal-paċi u s-sigurtà*** jiġu eżaminati mill-imsieħba b'mod regolari u bl-ogħla livell, | e) it-tkabbir *tad-djalogu politiku ministerjali u settorjali* sabiex jiġu inklużi laqgħat ministerjali regolari tal-Ministri ***tas-Sigurtà u l-Ministri*** tad-Difiża jew ir-rappreżentanti tagħhom, b'tali mod li l-kwistjonijiet relatati ***mas-sigurtà nazzjonali u l-paċi internazzjonali*** jiġu eżaminati mill-imsieħba b'mod regolari u bl-ogħla livell, |

Or. es

**Emenda 43**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt f)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| f) it-tnedija ta' proċess ta' djalogu serju dwar ix-xjenza u t-teknoloġija sabiex jiġi stabbilit *"spazju* reali *UE-LAK ta' innovazzjoni u għarfien"*, | f) it-tnedija ta' proċess ta' djalogu serju dwar ix-xjenza u t-teknoloġija sabiex jiġi stabbilit *"spazju* reali *UE-LAK ta'* ***riċerka,*** *innovazzjoni u għarfien"*, |

Or. es

**Emenda 44**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt g)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| g) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli,* b'attenzjoni partikolari lejn l-impjieg taż-żgħażagħ, l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-paga, in-netwerk tal-protezzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol, | g) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar l-impjiegi****, il-koeżjoni soċjali*** *u t-tkabbir sostenibbli,* b'attenzjoni partikolari lejn l-impjieg taż-żgħażagħ, l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tal-paga, in-netwerk tal-protezzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol, |

Or. es

**Emenda 45**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt h)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***h) it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali, biex ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu*** | ***imħassar*** |

***jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali,***

Or. es

**Emenda 46**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt h)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali*, biex ***ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali***, | h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali*, biex ***jiġu stabbiliti regoli ċari li jiżguraw il-koeżjoni soċjali u l-protezzjoni tal-prinċipju tas-sigurtà ġuridika u t-twaqqif ta' qafas favorevoli u adegwat għall-investiment***, |

Or. es

**Emenda 47**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt h)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali*, biex ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali, | h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali*, biex ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali, ***biex b'hekk il-politika Neo-Liberali li ma kellhiex suċċess dwar in-nuqqas ta' ndħil tiġi orjentata mill-ġdid fl-ekonomija,*** |

Or. es

**Emenda 48**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt h)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali*, biex ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali, | h) *it-tisħiħ tad-djalogu dwar il-politiki fiskali* ***progessivi***, biex ikun hemm dħul mit-taxxi ikbar u iktar ġust u dan min-naħa tiegħu jagħmel possibbli żieda fin-nefqa soċjali, |

Or. es

**Emenda 49**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt i)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| i) ***it-tisħiħ*** *tal-leġittimità diretta tal-parlamenti kollha ta' integrazzjoni reġjonali* billi titħeġġeġ l-elezzjoni mill-iktar fis possibbli tar-rappreżentanti tagħhom permezz tal-votazzjoni universali diretta, | i) ***it-tisħiħ meħtieġ tal-Parlamenti ta' Integrazzjoni bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-pajjiżi membri u t-tisħiħ*** *tal-leġittimità diretta tal-parlamenti kollha ta' integrazzjoni reġjonali* billi titħeġġeġ l-elezzjoni mill-iktar fis possibbli tar-rappreżentanti tagħhom permezz tal-votazzjoni universali diretta, |

Or. es

**Emenda 50**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8, punt i)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| i) *it-tisħiħ tal-leġittimità diretta tal-parlamenti kollha ta' integrazzjoni* | i) *it-tisħiħ tal-leġittimità diretta tal-parlamenti kollha ta' integrazzjoni* |

| | |
|---|---|
| *reġjonali* billi ***titħeġġeġ*** l-elezzjoni mill-iktar fis possibbli tar-rappreżentanti tagħhom permezz tal-votazzjoni universali diretta, | *reġjonali* billi ***tiġi estiża*** l-elezzjoni mill-iktar fis possibbli tar-rappreżentanti tagħhom permezz tal-votazzjoni universali diretta, |

Or. es

**Emenda 51**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Tappoġġja, f'dan il-kuntest, it-twaqqif *tal-Fondazzjoni Ewropa-Amerika Latina u l-Karibew,* ***ta' natura pubblika u privata, u li l-objettivi ewlenin tagħha għandhom ikunu diretti lejn il-kontribut*** għat-tħejjija tas-Samits***, lejn is-segwiti tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet politiċi adottati fis-Samits,*** u ***biex*** taġixxi bħala forum ta' djalogu ***u ta' koordinazzjoni*** fil-perjodi bejn is-Samits ***għall-atturi politiċi, istituzzjonali, akkademiċi u tas-soċjetà ċivili kollha li jaħdmu għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet Ewro-Latin-Amerikani***, | 9. Tappoġġja, f'dan il-kuntest, it-twaqqif *tal-Fondazzjoni Ewropa-Amerika Latina u l-Karibew,* ***biex tikkontribwixxi*** għat-tħejjija ***u għas-segwitu*** tas-Samits u taġixxi bħala forum ta' djalogu fil-perjodi bejn is-Samits, ***din il-Fondazzjoni għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:*** |

Or. es

**Emenda 52**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Tappoġġja, f'dan il-kuntest, it-twaqqif *tal-Fondazzjoni Ewropa- Amerika Latina u l-Karibew,* ta' natura ***pubblika u privata***, u li l-objettivi ewlenin tagħha għandhom | 9. Tappoġġja, f'dan il-kuntest, it-twaqqif *tal-Fondazzjoni Ewropa-Amerika Latina u l-Karibew,* ta' natura ***pubblika lesta li tilqa' kontribuzzjonijiet privati***, u li l- |

| | |
|---|---|
| ikunu diretti lejn il-kontribut għat-tħejjija tas-Samits, lejn is-segwiti tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet politiċi adottati fis-Samits, u biex jaġixxu bħala forum ta' djalogu u ta' koordinazzjoni fil-perjodi bejn is-Samits għall-atturi politiċi, istituzzjonali, akkademiċi u tas-soċjetà ċivili kollha li jaħdmu għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet Ewro-Latin-Amerikani, | objettivi ewlenin tagħha għandhom ikunu diretti lejn il-kontribut għat-tħejjija tas-Samits, lejn is-segwiti tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet politiċi adottati fis-Samits, u biex jaġixxu bħala forum ta' djalogu u ta' koordinazzjoni fil-perjodi bejn is-Samits għall-atturi politiċi, istituzzjonali, akkademiċi u tas-soċjetà ċivili kollha li jaħdmu għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet Ewro-Latin-Amerikani, |

Or. es

**Emenda 53**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– il-promozzjoni attiva tar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi, etika tan-negozji iktar responsabbli li tirriżulta fil-bini ta' relazzjonijiet ekonomiċi bilaterali bbażati fuq il-prinċipji tas-sostenibilità, it-trasparenza, l-eċċellenza fix-xogħol u r-rispett għall-ambjent; f'dan ir-rigward jiġi rrakkomandat li ssir konferenza internazzjonali mal-intrapriżi Ewropej fl-Amerika Latina sabiex, taħt il-patroċinju tal-UE, jintwera rispett lejn il-parteċipazzjoni attiva tal-intrapriżi Ewropej fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi li huma stabbiliti fihom,*** |

Or. es

**Emenda 94**
**Ricardo Cortés Lastra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Ittenni l-appoġġ tagħha għat-twaqqif "taż-żona komuni tal-edukazzjoni ogħla UE-LAK" kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu fil-qasam tax-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni ogħla, it-teknoloġija u l-innovazzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea, | 16. Ittenni l-appoġġ tagħha għat-twaqqif "taż-żona komuni tal-edukazzjoni ogħla UE-LAK" kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu fil-qasam tax-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni ogħla, it-teknoloġija u l-innovazzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea, ***filwaqt li jitwaqqaf programm ta' skambju bejn l-universitajiet Latin-Amerikani u Ewropej, li jista' jiġi mqabbel mal-*** |

***programm Erasmus tal-UE,***

Or. es

**Emenda 95**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Ittenni l-appoġġ tagħha għat-twaqqif "taż-żona komuni tal-edukazzjoni ogħla UE-LAK" kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu fil-qasam tax-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni ogħla, it-teknoloġija u l-innovazzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea, | 16. Ittenni l-appoġġ tagħha għat-twaqqif "taż-żona komuni tal-edukazzjoni ogħla UE-LAK" kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu fil-qasam tax-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni ogħla, it-teknoloġija u l-innovazzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea***; f'dan ir-rigward, tappoġġja l-proċess ta' tfassil ta' proġetti bħall-Miri Edukattivi 2021***, |

Or. es

**Emenda 96**
**Ricardo Cortés Lastra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, | 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu ***u l-iskambju*** bilaterali ***ta' prattiki tajbin*** mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, ***l-iżvilupp reġjonali,*** il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u ***territorjali,*** jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, |

Or. es

**Emenda 97**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, | 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu ***bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina*** dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, |

Or. es

**Emenda 98**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, | 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex ***tiġi żviluppata sigurtà ġuridika li tippromwovi u tiffavorixxi l-investiment fir-reġjun u biex*** tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, |

Or. es

**Emenda 99**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, | 17. Tenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu bilaterali mad-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina dwar politiki sodi u effikaċi għall-governanza demokratika, il-kwistjonijiet soċjali, il-finanzi pubbliċi u t-taxxi ***progressivi***, biex tiżdied il-koeżjoni soċjali u jonqos il-faqar, l-inugwaljanza u l-emarġinazzjoni, |

Or. es

**Emenda 100**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Ittenni l-proposta tagħha biex sal-2012 jiġu studjati d-dispożizzjonijiet u r-regoli komuni b'qasam ta' applikazzjoni ġenerali biex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles mhux biss tal-oġġetti, is-servizzi u l-kapital, iżda ***wkoll*** tal-persuni, biex tinkiseb Sħubija li hija kemm jista' jkun ta' benefiċċju reċiproku u li jkollha approċċ globali lejn il-migrazzjoni rrakkomandat min-Nazzjonijiet Uniti, | 18. Ittenni l-proposta tagħha biex sal-2012 jiġu studjati d-dispożizzjonijiet u r-regoli komuni b'qasam ta' applikazzjoni ġenerali biex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles mhux biss tal-oġġetti, is-servizzi u l-kapital, iżda ***b'mod partikolari*** tal-persuni, biex tinkiseb Sħubija li hija kemm jista' jkun ta' benefiċċju reċiproku u li jkollha approċċ globali lejn il-migrazzjoni rrakkomandat min-Nazzjonijiet Uniti, |

Or. es

**Emenda 101**
**Sonia Escudero, Parlatino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Tenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u kulturali li, kemm għall-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll għal dawk ta' destinazzjoni fiż-żona Ewro-Latin-Amerikana, jiġu minn migrazzjoni ordnata u ***li tirrispetta d-drittijiet*** tal-bniedem; ittenni l-importanza tad-djalogu bireġjonali strutturat li nbeda f'Ġunju 2009 u tirreferi għall-konklużjonijiet u l-proposti għas-Samit imfassla mill-Grupp ta' Ħidma tal-Assemblea dwar il-Migrazzjoni tal-UE-LAK, | 19. Tenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u kulturali li, kemm għall-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll għal dawk ta' destinazzjoni fiż-żona Ewro-Latin-Amerikana, jiġu minn migrazzjoni ordnata u ***bi protezzjoni statali effikaċi tad-drittijiet*** tal-bniedem ***tagħhom***; ittenni l-importanza tad-djalogu bireġjonali strutturat li nbeda f'Ġunju 2009 u tirreferi għall-konklużjonijiet u l-proposti għas-Samit imfassla mill-Grupp ta' Ħidma tal-Assemblea dwar il-Migrazzjoni tal-UE-LAK, |

Or. es

**Emenda 102**
**Willy Meyer, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***20. Tirrakkomanda t-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' taħriġ u ta' skambju interparlamentari li qed jitwettaq attwalment permezz tal-Istrument Finanzjarju għall-Promozzjoni tad-Demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Livell Dinji mwaqqaf mill-Unjoni f'Diċembru 2006, biex jitjieb it-taħriġ u l-ħiliet tal-amministrazzjonijiet, l-uffiċjali u l-persunal l-ieħor impjegat mal-awtoritajiet parlamentari reġjonali u nazzjonali tas-Sħubija Strateġika,*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 103**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi ***huwa*** essenzjali għaż-żewġ reġjuni li ***s-Sħubija*** Strateġika Bireġjonali***, li ġiet deċiża mill-ħames*** Samits preċedenti***, tiġi ffinalizzata***, | A. billi ***għandha tiġi kkunsidrata n-natura*** essenzjali għaż-żewġ reġjuni li ***tinkiseb is-Sħubija*** Strateġika Bireġjonali ***stabbilita fil-ħames*** Samits preċedenti***, u l-importanza għaż-żewġ reġjuni li jkompli jissaħħaħ it-titjib ta' din is-Sħubija***, |

Or. es

**Emenda 104**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premess A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi għandha tiġi kkunsidrata l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-30 ta' Settembru 2009 bl-għan li tidentifika, tevalwa u toħroġ rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' Sħubija bejn l-UE-LAK tal-atturi dinjin,*** |

Or. es

**Emenda 105**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi għandu jiġi kkunsidrat l-għoti finanzjarju lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latin-Amerikana biex*** |

***jikkontribwixxi għall-bini ta' Sħubija Strateġika Bireġjonali,***

Or. es

**Emenda 106**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi mill-ewwel Samit ta' Río de Janeiro f'Ġunju 1999 sar progress notevoli, xorta għad hemm ***nuqqasijiet*** daqstant ieħor kbar fit-tliet oqsma tas-Sħubija, jiġifieri, fir-rigward tal-aspetti politiċi u ta' sigurtà, l-aspetti kummerċjali u ekonomiċi, ***il-kwistjonijiet*** soċjali, ***ambjentali, tal-għarfien u l-innovazzjoni u l-kwistjoni tas-sessi,*** | B. billi mill-ewwel Samit ta' Río de Janeiro f'Ġunju 1999 sar progress notevoli, ***fost l-oħrajn insibu t-twaqqif tal-Assemblea EuroLat bħala awtorità parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali fis-Samit ta' Vjenna; iżda*** xorta għad hemm ***progressi u sfidi*** daqstant ieħor kbar ***fejn jeħtieġ li jsir avvanz*** fit-tliet oqsma tas-Sħubija, jiġifieri, fir-rigward tal-aspetti politiċi u ta' sigurtà, l-aspetti kummerċjali u ekonomiċi ***u l-kwistjonijiet*** soċjali, |

Or. es

**Emenda 107**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa B a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina u l-Karibew bejniethom jirrappreżentaw terz tal-kompożizzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, u billi d-djalogu bejn it-tnejn isaħħaħ u jheġġeġ il-multilateraliżmu fil-politika dinjija,*** |

Or. es

**Emenda 108**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE tibqa' t-tieni msieħeb kummerċjali tal-Amerika Latina u l-ikbar investitur fir-reġjun fejn, matul l-aħħar għaxar snin u mit-tnedija tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali fl-1999, iffinanzjat proġetti u programmi għal total ta' iktar minn EUR 3,000 miljun, | C**.** billi l-UE tibqa' t-tieni msieħeb kummerċjali tal-Amerika Latina***, l-ewwel donatur tal-għajnuna għall-iżvilupp*** u l-ikbar investitur fir-reġjun fejn, matul l-aħħar għaxar snin u mit-tnedija tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali fl-1999, iffinanzjat proġetti u programmi għal total ta' iktar minn EUR 3,000 miljun, |

Or. es

**Emenda 109**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa C a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-objettiv strateġiku tal-Unjoni Ewropea huwa li jintlaħqu ftehimiet ta' sħubija reġjonali, permezz ta' negozjati blokk blokk,*** |

Or. es

**Emenda 110**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa C a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ca. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 huwa mument storiku ieħor għall-Unjoni Ewropea u billi, f'dan ir-rigward, is-60 sena ta' avvanzi fl-integrazzjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala mudell,*** |

Or. es

**Emenda 111**
**Renate Weber, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| D. billi dan l-aħħar issaħħew ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn id-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina u atturi internazzjonali ***kbar*** oħra, inklużi r-Russja, l-Indja, l-Iran u b'mod partikolari ċ-Ċina, li saret l-imsieħeb kummerċjali prinċipali u s-suq prinċipali għall-esportazzjonijiet tagħha għal diversi pajjiżi tar-reġjun, qabel l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea, | D. billi dan l-aħħar issaħħew ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn id-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina u atturi internazzjonali oħra, inklużi r-Russja, l-Indja, l-Iran u b'mod partikolari ċ-Ċina, li saret l-imsieħeb kummerċjali prinċipali u s-suq prinċipali għall-esportazzjonijiet tagħha għal diversi pajjiżi tar-reġjun, qabel l-Istati Uniti, ***fejn il-wasla tal-Amministrazzjoni l-ġdida ħolqot aspettativi kbar,*** u l-Unjoni Ewropea, |

Or. es

**Emenda 112**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| D. billi dan l-aħħar issaħħew ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u | D. billi dan l-aħħar issaħħew ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u |

| | |
|---|---|
| kummerċjali bejn id-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina u ***atturi internazzjonali*** kbar oħra, inklużi r-Russja, l-Indja, l-Iran u b'mod partikolari ċ-Ċina, li saret l-imsieħeb kummerċjali prinċipali ***u s-suq prinċipali għall-esportazzjonijiet tagħha*** għad-diversi pajjiżi tar-reġjun, qabel l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea, | kummerċjali bejn id-diversi pajjiżi tal-Amerika Latina u ***ekonomiji emerġenti*** kbar oħra, inklużi r-Russja, l-Indja, l-Iran u b'mod partikolari ċ-Ċina, li saret l-imsieħeb kummerċjali prinċipali għad-diversi pajjiżi tar-reġjun, qabel l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea***, u billi dawn ir-relazzjonijiet għandhom implikazzjonijiet ġeopolitiċi u strateġiċi kbar, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess u l-provvista tar-riżorsi tal-enerġija, il-materja prima, il-bejgħ tal-armi u l-aċċess għat-teknoloġija nukleari***, |

Or. es

**Emenda 113**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi tfaċċaw u ssaħħew diversi fora internazzjonali ta' governanza fl-ambitu dinji (G-20, BRIC, FMI, Samits dwar il-Klima, eċċ.) u l-piż li dejjem qed jikber tal-pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw fuq l-ekonomija, tiġi nnutata l-ħtieġa li r-reġjuni u l-pajjiżi emerġenti jġibu l-importanza internazzjonali ekonomika tagħhom li qed tikber fuq l-istess livell b'rappreżentanza politika f'dawn il-fora, b'mod partikolari, fil-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, il-FMI u l-Bank Dinji, fejn mhumiex irrappreżentati biżżejjed,*** |

Or. es

**Emenda 114**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali internazzjonali għaġġlet il-ħtieġa ta' politika koperattiva f'dinja li kulma jmur hija iktar marbuta ma' suġġetti tant differenti bħall-ekonomija dinjija, l-istabilità finanzjarja internazzjonali, ir-riskji ambjentali, l-enerġija, is-sikurezza tal-ikel u tan-nutriment, il-migrazzjonijiet, il-faqar u l-inugwaljanza filwaqt li jinnota l-opportunità storika li tirriżulta minn din il-kriżi biex tinbena l-bażi ta' governanza dinjija rinfurzata bbażata fuq il-fehim u l-multilateraliżmu,*** |

Or. es

**Emenda 115**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***E. billi għandhom jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi u strateġiċi ta' dawn ir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intensità tagħhom, b'rabta mal-aċċess u mal-provvista tar-riżorsi tal-enerġija, il-materja prima, il-bejgħ tal-armi u l-aċċess għat-teknoloġija nukleari,*** | ***imħassra*** |

Or. es

**Emenda 116**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***E. billi għandhom jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi u strateġiċi ta' dawn ir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intensità tagħhom, b'rabta mal-aċċess u mal-provvista tar-riżorsi tal-enerġija, il-materja prima, il-bejgħ tal-armi u l-aċċess għat-teknoloġija nukleari,*** | ***imħassra*** |

Or. es

**Emenda 117**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi għandhom jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi u strateġiċi ta' dawn ir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intensità ***tagħhom, b'rabta mal-aċċess u mal-provvista tar-riżorsi tal-enerġija, il-materja prima, il-bejgħ tal-armi u l-aċċess għat-teknoloġija nukleari***, | E. billi għandhom jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi u strateġiċi ta' dawn ir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intensità ***tal-użu tar-riżorsi naturali u tal-minjieri u l-pressjoni konsegwenti fuq l-art u l-ilma u l-irwol tal-intrapriżi tranżnazzjonali u n-numru li qed jiżdied tal-konflitti soċjali***, |

Or. es

**Emenda 118**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett tal-indipendenza ta' kull Stat meta jiġu biex jagħżlu r-relazzjonijiet esterni, politiċi u kummerċjali tagħhom,*** |

Or. es

**Emenda 119**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali u l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali huma ż-żewġ objettivi prijoritarji tal-koperazzjoni mal-Amerika Latina, li jinvolvu l-promozzjoni tat-tmexxija demokratika, u billi l-innovazzjoni u t-teknoloġija għall-iżvilupp produttiv u l-koeżjoni soċjali għandhom ikunu prijoritarji f'Madrid; billi dawn l-objettivi għandhom jibqgħu jinżammu, billi huma adattati għar-realtajiet, l-interessi u l-isfidi l-ġodda li jimponu r-relazzjonijiet bireġjonali,*** |

Or. es

**Emenda 120**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi skont studju reċenti tal-Istitut ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma*** | ***imħassra*** |

***(SIPRI), il-baġits tad-difiża tal-pajjiżi tal-Amerika Latina minn madwar 29,100 miljun Dollaru fl-2003 telgħu għal 39,000 miljun Dollaru fl-2008, jiġifieri żieda notevoli ta' 36% f'temp ta' 5 snin, anki jekk mifruxa b'mod inugwali fid-diversi pajjiżi tar-reġjun,***

Or. es

**Emenda 121**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa F a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi skont l-istess studju tas-SIPRI fl-2008 n-nefqa militari tal-pajjiżi Latin-Amerikani kienet ta' 39,000 miljun filwaqt li dik tal-UE kienet ta' 320,000 miljun Dollaru, jiġifieri 8 darbiet iktar,*** |

Or. es

**Emenda 122**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa F a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi skont is-SIPRI, in-nefqa militari tal-Amerika t'Isfel u tal-Amerika Ċentrali kienet ta' 38,6 biljun Dollaru fl-2008, filwaqt li dik tal-Ewropa tal-Punent u tal-Ewropa Ċentrali kienet ta' 227 biljun Dollaru; billi r-responsabilità tal-pajjiżi Ewropej fil-ġirja dinjija għall-armamenti, billi fil-lista tal-għaxar pajjiżi tad-dinja li l-iktar ibigħu armi hemm diversi pajjiżi Ewropej, u filwaqt li turi l-allarm tagħha*** |

***għall-perċentwal għoli ta' armi ta' oriġini Ewropea f'idejn atturi mhux statali,***

Or. es

**Emenda 123**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***l-inugwaljanza soċjali, aggravata mill-kriżi ekonomika internazzjonali attwali, tibqa' l-isfida prinċipali li għandhom jaffrontaw is-soċjetajiet Latin-Amerikani u billi t-twettiq*** tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju jitlob qabel kollox l-isforz tal-pajjiżi u s-soċjetajiet Latin-Amerikani stess, | G. billi ***l-kriżi wasslet biex għexieren ta' miljuni ta' persuni jbatu l-ġuħ u l-faqar estremi – illum il-ġurnata fl-Amerika Latina hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar sitt miljuni iktar mill-2008 – u billi l-inugwaljanza tibqa' l-isfida l-kbira tal-Amerika Latina għat-twettiq*** tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju ***tan-Nazzjonijiet Uniti, wieħed jinnota l-ħtieġa ta' alleanza globali kontra l-ġuħ, li hija sfida enormi li teħtieġ l-impenn sħiħ tal-gvernijiet kollha, kemm tal-pajjiżi foqra kif ukoll tal-pajjiżi sinjuri, tas-soċjetà ċivili, tas-servizz privat u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali***, |

Or. es

**Emenda 124**
**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***l-inugwaljanza soċjali, aggravata mill-kriżi ekonomika internazzjonali attwali, tibqa' l-isfida prinċipali li għandhom jaffrontaw is-soċjetajiet Latin-*** | G. billi ***l-Amerika Latina hija r-reġjun bl-ikbar inugwaljanzi soċjali tad-dinja*** u billi t-twettiq tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju jitlob qabel kollox l-isforz tal- |

| | |
|---|---|
| ***Amerikani*** u billi t-twettiq tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju jitlob qabel kollox l-isforz tal-pajjiżi u s-soċjetajiet Latin-Amerikani stess, | pajjiżi u s-soċjetajiet Latin-Amerikani stess, ***bħal dawk li diġà jwettqu uħud minnhom,*** |

Or. es

**Emenda 125**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi t-tisħiħ tal-qafas tal-politika ekonomika u tal-bażijiet makroekonomiċi fl-aħħar snin ippermetta lir-reġjun biex ikun jiflaħ b'iktar qawwa għall-impatt ekonomiku u finanzjarju dinji milli fil-passat, u billi l-Amerika Latina kollha għandha toħroġ mill-kriżi b'iktar qawwa milli l-maġġoranza tal-ekonomiji avvanzati, u għaldaqstant għandha tingħata prijorità lit-tisħiħ tal-progressi li saru fil-qasam tal-politiki monetarji u fiskali antiċikliċi, ir-reżistenza ikbar tas-settur finanzjarju, l-iżvilupp tad-domanda nazzjonali u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni u s-swieq ta' esportazzjoni u r-rieda t-tajba biex jintuża t-tip ta' mekkaniżmu biex jittaffew is-sitwazzjonijiet negattivi, elementi li ppermettew li tittaffa l-intensità tal-kriżi,*** |

Or. es

**Emenda 126**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***H. billi fl-Amerika Latina attwalment hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar 6 miljun persuna iktar milli fl-2008, u għaldaqstant is-sigurtà tal-ikel għandha tkun prijorità assoluta għall-atturi nazzjonali, il-korpi ta' integrazzjoni u l-korpi internazzjonali u l-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp,*** | ***imħassra*** |

Or. es

**Emenda 127**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi fl-Amerika Latina attwalment hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar 6 miljun persuna iktar milli fl-2008, u għaldaqstant ***is-sigurtà*** tal-ikel ***għandha tkun*** prijorità assoluta għall-atturi nazzjonali, il-korpi ta' integrazzjoni u l-korpi internazzjonali u l-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, | H. billi fl-Amerika Latina attwalment hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar 6 miljun persuna iktar milli fl-2008, u għaldaqstant ***l-aċċess għall-art, il-produzzjoni tal-ikel, il-preservazzjoni ta' agrikoltura familjari u sostenibbli, u s-sovranità*** tal-ikel ***għandhom ikunu*** prijorità assoluta għall-atturi nazzjonali, il-korpi ta' integrazzjoni u l-korpi internazzjonali u l-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, |

Or. es

**Emenda 128**
**Emilio Menéndez del Valle, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| H. billi fl-Amerika Latina attwalment hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar 6 miljun persuna iktar milli fl-2008, u għaldaqstant is-sigurtà tal-ikel għandha tkun prijorità assoluta ***għall-atturi nazzjonali***, il-korpi ta' integrazzjoni u l-korpi internazzjonali u l-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, | H. billi fl-Amerika Latina attwalment hemm iktar minn 52 miljun persuna li jbatu l-ġuħ, jiġifieri madwar 6 miljun persuna iktar milli fl-2008, u għaldaqstant is-sigurtà tal-ikel għandha tkun prijorità assoluta ***għall-UE***, il-korpi ta' integrazzjoni u l-korpi internazzjonali u l-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, |

Or. es

**Emenda 129**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ha. billi l-pajjiżi Latin-Amerikani qed jifilħu aħjar għall-effetti tal-kriżi dinjija, billi skont id-dejta tas-CEPAL iż-żieda tal-PGD fl-2008 kienet ta' 4% filwaqt li fiż-żona ewro kienet ta' 2.5%,*** |

Or. es

**Emenda 130**
**Willy Meyer, Rui Tavares, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| I. billi l-irkupru mir-reċessjoni dinjija se jkun għadu wieħed bilmod fl-2010 u billi***, anki jekk l-Amerika Latina rreżistiet aħjar għall-kriżi milli ekonomiji avvanzati oħra u bħala medja għandha tiżdied bi kważi madwar 3% fl-2010,*** l-irkupru mhux se | I. billi l-irkupru mir-reċessjoni dinjija se jkun għadu wieħed bilmod fl-2010 u billi l-irkupru mhux se jkun uniformi u l-livell ta' tkabbir mhux se jkun biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali |

| | |
|---|---|
| jkun uniformi u l-livell ta' tkabbir mhux se jkun biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni, ***li tibqa' tgawdi protezzjoni soċjali ħafna iktar baxxa minn dik li jgawdu l-imsieħba Ewropej tagħha,*** | tal-popolazzjoni, |

Or. es

**Emenda 131**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-irkupru mir-reċessjoni dinjija se jkun għadu wieħed bilmod fl-2010 u billi, anki jekk ***l-Amerika*** Latina ***rreżistiet*** aħjar għall-kriżi milli ekonomiji avvanzati oħra ***u bħala medja għandha tiżdied bi kważi madwar 3% fl-2010, l-irkupru mhux se jkun uniformi*** u l-livell ta' tkabbir ***mhux se jkun*** biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni, li tibqa' tgawdi protezzjoni soċjali ħafna iktar baxxa minn dik li jgawdu l-imsieħba Ewropej tagħha, | I. billi l-irkupru mir-reċessjoni dinjija se jkun għadu wieħed bilmod fl-2010 u billi, anki jekk ***dawk il-pajjiżi tal-Amerika*** Latina ***li għandhom produzzjoni nazzjonali soda u diversifikata u settur bankarju nazzjonali li hu rregolat tajjeb irreżistew*** aħjar għall-kriżi milli ekonomiji avvanzati oħra***, it-tnaqqis fit-trasferiment ta' flus u fl-impjieg b'rimunerazzjoni adegwata joħloq sitwazzjoni li fiha*** l-livell ta' tkabbir ***f'ħafna pajjiżi ma jkunx*** biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni, li tibqa' tgawdi protezzjoni soċjali ħafna iktar baxxa minn dik li jgawdu l-imsieħba Ewropej tagħha, |

Or. es

**Emenda 132**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| I. billi ***l-irkupru mir-reċessjoni dinjija se jkun għadu wieħed bilmod fl-2010 u billi, anki jekk l-Amerika Latina*** rreżistiet aħjar għall-kriżi milli ekonomiji avvanzati oħra u bħala medja għandha tiżdied bi kważi madwar 3% fl-2010, l-irkupru mhux se jkun uniformi u l-livell ta' tkabbir mhux se jkun biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni, li tibqa' tgawdi protezzjoni soċjali ħafna iktar baxxa minn dik li jgawdu l-imsieħba Ewropej tagħha, | I. billi ***minkejja li*** rreżistiet aħjar għall-kriżi milli ekonomiji avvanzati oħra u bħala medja għandha tiżdied bi kważi madwar 3% fl-2010, l-irkupru ***fl-Amerika Latina*** mhux se jkun uniformi u l-livell ta' tkabbir mhux se jkun biżżejjed biex itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni, li tibqa' tgawdi protezzjoni soċjali ħafna iktar baxxa minn dik li jgawdu l-imsieħba Ewropej tagħha, |

Or. es

**Emenda 133**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ia. billi bl-istess mod, bħala konsegwenza tal-kriżi fl-Ewropa, ġiet ikkawżata żieda fil-popolazzjoni tan-nies qiegħda, żieda li laħqet rati li kienu ilhom ma jidhru għal ħafna żmien u l-konsegwenzi allarmanti li kważi 20 miljun persuna qiegħda fl-UE jikkawżaw lis-sistemi tas-sigurtà soċjali u liż-żieda fl-oqsma soċjali tal-qgħad u lill-esklużjoni soċjali,*** |

Or. es

**Emenda 134**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi ***r-rata tal-qgħad urban żdiedet fiż-żewġ reġjuni minħabba l-kriżi, fatt li jagħmel*** neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, b'mod partikolari fl-Amerika Latina***, reġjun*** fejn***, skont studju reċenti tal-Bank Inter-Amerikan għall-Iżvilupp (IDB),*** in-nisa jaqalgħu madwar 17% inqas mill-kontroparti maskili tagħhom, u l-persuni ta' axxendenza indiġena jew Afrikana madwar 28% inqas mill-kontroparti tagħhom ta' razza Kawkasika, | J. billi ***huwa*** neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, b'mod partikolari fl-Amerika Latina fejn in-nisa jaqalgħu madwar 17% inqas mill-kontroparti maskili tagħhom, u l-persuni ta' axxendenza indiġena jew Afrikana madwar 28% inqas mill-kontroparti tagħhom ta' razza Kawkasika, ***sitwazzjoni li b'rabta mal-immigrazzjoni u n-nisa taffettwa wkoll xi pajjiżi tal-UE,*** |

Or. es

**Emenda 135**
**Willy Meyer, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi r-rata tal-qgħad urban żdiedet fiż-żewġ reġjuni minħabba l-kriżi, fatt li jagħmel neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, ***b'mod partikolari fl-Amerika Latina, reġjun fejn, skont studju reċenti tal-Bank Inter-Amerikan għall-Iżvilupp (IDB), in-nisa jaqalgħu madwar 17% inqas mill-kontroparti maskili tagħhom, u l-persuni ta' axxendenza indiġena jew Afrikana*** | J. billi r-rata tal-qgħad urban żdiedet fiż-żewġ reġjuni minħabba l-kriżi, fatt li jagħmel neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, |

***madwar 28% inqas mill-kontroparti tagħhom ta' razza Kawkasika,***

Or. es

**Emenda 136**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi r-rata tal-qgħad urban żdiedet fiż-żewġ reġjuni minħabba l-kriżi, fatt li jagħmel neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, b'mod partikolari fl-Amerika Latina, reġjun fejn, skont studju reċenti tal-Bank Inter-Amerikan għall-Iżvilupp (IDB), in-nisa jaqalgħu madwar 17% inqas mill-kontroparti maskili tagħhom, u l-persuni ta' axxendenza indiġena jew Afrikana madwar 28% inqas mill-kontroparti tagħhom ta' razza Kawkasika, | J. billi r-rata tal-qgħad urban żdiedet fiż-żewġ reġjuni minħabba l-kriżi, fatt li jagħmel neċessarju iktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' xogħlijiet deċenti, jieqaf id-deterjorament li dejjem qed jiżdied, bħala riżultat tal-kriżi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u qabel kollox, tieqaf iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, ***tiġi żgurata l-validità tad-drittijiet tax-xogħol u tat-trejdjunjins, skont ir-regoli tal-ILO, inkluż u bla eċċezzjoni għall-intrapriżi tranżnazzjonali Ewropej,*** kif ukoll li l-pagi jsiru fuq l-istess livell, b'mod partikolari fl-Amerika Latina, reġjun fejn, skont studju reċenti tal-Bank Inter-Amerikan għall-Iżvilupp (IDB), in-nisa jaqalgħu madwar 17% inqas mill-kontroparti maskili tagħhom, u l-persuni ta' axxendenza indiġena jew Afrikana madwar 28% inqas mill-kontroparti tagħhom ta' razza Kawkasika, |

Or. es

**Emenda 137**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa J a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. billi għandhom jiġu kkunsidrati l-importanza li l-koeżjoni soċjali tiġi trattata wkoll minn perspettiva globali li tkompli tqarreb il-koperazzjoni lejn dan l-objettiv, it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' konverġenza strutturali, it-tħeġġiġ ta' politiki settorjali u l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet li jwasslu għal xogħol deċenti,*** |

Or. es

**Emenda 138**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-politika tal-immigrazzjoni tal-UE li teżisti qed tqajjem tħassib kbir u l-ħtieġa li ***jintlaħaq ftehim*** li ***jikkunsidra*** l-interessi leġittimi tal-imsieħba Ewro-Latin-Amerikani dwar suġġett daqshekk delikat, inkluż ir-rikonoxximent tal-ugwaljanza tad-drittijiet għall-immigranti kollha Latin-Amerikani fl-Unjoni Ewropea u t-twaqqif tal-kriminalizzazzjoni irregolari, | K. billi l-politika tal-immigrazzjoni tal-UE li teżisti qed tqajjem tħassib kbir u l-ħtieġa li ***l-migrazzjonijiet ikunu tema ċentrali tal-aġenda bireġjonali u*** li ***jiġu kkunsidrati*** l-interessi leġittimi tal-imsieħba Ewro-Latin-Amerikani dwar suġġett daqshekk delikat, inkluż ir-rikonoxximent tal-ugwaljanza tad-drittijiet għall-immigranti kollha Latin-Amerikani fl-Unjoni Ewropea u t-twaqqif tal-kriminalizzazzjoni irregolari, |

Or. es

**Emenda 139**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. billi t-terroriżmu internazzjonali huwa theddida reali u li sfortunatament iġarrbuha miljuni ta' persuni fid-dinja kollha,*** |

Or. es

**Emenda 140**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. billi għandha tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li ssir enfasi mill-ġdid għall-ikrupru tal-memorja u tal-inizjattivi biex tinkixef il-verità, isir rimedju u tingħata l-garanzija li r-reati mwettqa ma jerġgħux jiġu ripetuti, u biex tingħata attenzjoni speċjali għall-ġlied attwali kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u għall-impunità,*** |

Or. es

**Emenda 141**
**Ramón Jáuregui Atondo, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kb. billi l-kriminalità organizzata, speċjalment fir-rigward tat-traffikar tad-drogi, hija aggressjoni brutali fuq il-koeżistenza u d-drittijiet u fuq l-Istat u l-liġi, hija ddgħajjef l-istrutturi tal-koeżistenza u tikkawża danni serji ħafna lis-soċjetajiet tagħna, b'mod speċjali lil dawk il-lokalitajiet jew reġjuni fejn tiġi*** |

*prodotta d-droga jew minn fejn tgħaddi,*

Or. es

**Emenda 142**
**Raül Romeva i Rueda, PE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kb. billi, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' numru kbir ħafna ta' konflitti soċjali minħabba d-dritt għall-art u l-preservazzjoni tal-ambjent fiż-żoni fejn isir qtugħ mill-minjieri u ż-żoni ta' produzzjonijiet oħra li jniġġsu, ħafna drabi ġġib magħha żgumbramenti u ċaqliq tal-massa, torturi u abbużi sesswali fir-rigward tan-nisa,*** |

Or. es

**Emenda 143**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Ċitazzjoni 8 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidrat il-Minuti tal-Laqgħa Kostituttiva tal-Assemblea Parlamentari Ewro–Latin-Amerikana tat-8 ta' Novembru 2006, dwar id-definizzjoni u l-kontributi tagħha bħala istituzzjoni parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali li tkopri t-tliet aspetti l-kbar tal-elementi konkreti tas-Sħubija,*** |

Or. es

**Emenda 144**
**Rodolfo Dougherty, Parlacen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Ċitazzjoni 8 b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Assemblea Parlamentari Ewro–Latin-Amerikana tal-20 ta' Diċembru 2007 li tagħti valur lill-importanza li jkun hemm awtorità parlamentari li tagħti segwitu lill-proċess tal-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Amerika Ċentrali u l-Unjoni Ewropea u d-Digriet ta' Rispons tal-15 ta' Ġunju 2009 tal-Qorti tal-Amerika Ċentrali tal-Ġustizzja għall-Konsultazzjoni Obbligatorja mressqa mill-Parlament tal-Amerika Ċentrali,*** |

Or. es